**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji*

**2015/0263(COD)**

23.11.2016

# OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

għall-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali għall-perjodu mill-2017 sal-2020 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u (UE) Nru 1305/2013
(COM(2015)0701 – C8-0373/2015 – 2015/0263(COD))

Rapporteur għal opinjoni (*): Costas Mavrides

(*) Kumitat assoċjat - Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_Legam

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Diversi Stati Membri kienu u għadhom għaddejjin minn proċessi ta' aġġustament biex jikkoreġu l-iżbilanċi makroekonomiċi akkumulati fil-passat, u bosta minnhom qed iħabbtu wiċċhom mal-isfida ta' tkabbir potenzjali baxx. L-Unjoni identifikat ***l-implimentazzjoni tar-riformi*** strutturali fost il-prijoritajiet ta' politika tagħha biex ***jiġi stabbilit l-irkupru fuq*** perkors sostenibbli, jiġi sfruttat il-potenzjal ta' tkabbir biex tissaħħaħ il-kapaċità ta' aġġustament, u jiġi appoġġjat il-proċess ta' konverġenza. | (3) Diversi Stati Membri kienu u għadhom għaddejjin minn proċessi ta' aġġustament biex jikkoreġu l-iżbilanċi makroekonomiċi akkumulati fil-passat, u bosta minnhom qed iħabbtu wiċċhom mal-isfida ta' tkabbir potenzjali baxx ***u r-rata għolja ta' qgħad***. L-Unjoni identifikat ***il-ħtieġa għall-implimentazzjoni ta' riformi*** strutturali ***favorevoli għat-tkabbir*** fost il-prijoritajiet ta' politika tagħha biex ***toħloq il-kundizzjonijiet b'tali mod li jinkiseb*** perkors ***ta' tkabbir*** sostenibbli, jiġi sfruttat il-potenzjal ta' tkabbir biex tissaħħaħ il-kapaċità ta' aġġustament, u jiġi appoġġjat il-proċess ta' konverġenza ***u żieda fl-investiment***. |

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Ir-riformi huma min-natura tagħhom proċessi kumplessi li jeħtieġu katina sħiħa ta' għarfien u ħiliet speċjalizzati ħafna. ***L-indirizzar tar-riformi*** strutturali f'varjetà ta' oqsma ta' politika pubblika ***huwa*** sfida billi l-benefiċċji tagħhom ħafna drabi jieħdu ż-żmien biex jimmaterjalizzaw ruħhom. ***Għaldaqstant***, tfassil u implimentazzjoni | (4) Ir-riformi huma min-natura tagħhom proċessi kumplessi li jeħtieġu katina sħiħa ta' għarfien u ħiliet speċjalizzati ħafna ***kif ukoll viżjoni fit-tul***. ***L-implimentazzjoni ta' riformi*** strutturali ***sostenibbli*** f'varjetà ta' oqsma ta' politika pubblika ***hija*** sfida billi l-benefiċċji tagħhom ħafna drabi jieħdu ż-żmien ***u impenn kontinwu*** biex jimmaterjalizzaw |

bikrija u effiċjenti huma kruċjali, ***kemm*** għall-ekonomiji milqutin mill-kriżi ***kif ukoll*** dawk strutturalment dgħajfin. F'dan il-kuntest, il-forniment ta' appoġġ mill-Unjoni f'forma ta' assistenza teknika kien kruċjali fl-appoġġ ta' aġġustament ekonomiku tal-Greċja u Ċipru f'dawn l-aħħar snin.

ruħhom***, u għalhekk jeħtieġ jittieħdu miżuri sabiex jiskoraġġixxu tfassil ta' politika b'perspettiva fuq terminu qasir***. ***B'mod partikolari***, tfassil u implimentazzjoni bikrija u effiċjenti huma kruċjali, ***inkluż*** għall-ekonomiji milqutin mill-kriżi ***jew*** dawk strutturalment dgħajfin. F'dan il-kuntest, il-forniment ta' appoġġ mill-Unjoni f'forma ta' assistenza teknika kien kruċjali fl-appoġġ ta' aġġustament ekonomiku tal-Greċja u Ċipru f'dawn l-aħħar snin***, u jista' jservi ta' preċedent utli għal programm li jappoġġja r-riforma strutturali***. ***Is-sjieda tar-riformi strutturali u tar-rieda politika fl-Istati Membri, inkluż l-awtoritajiet lokali u reġjonali, fejn meħtieġ, u s-sħab soċjali, hija fundamentali biex dan il-programm ikun ta' suċċess.***

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) L-Istati Membri jistgħu jibbenefikaw mill-appoġġ fl-indirizzar tal-isfidi fir-rigward tat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali. Dawn l-isfidi jistgħu jkunu dipendenti fuq diversi fatturi, fosthom il-kapaċità amministrattiva u istituzzjonali limitata jew l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni inadegwati tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. | (5) L-Istati Membri jistgħu jibbenefikaw mill-appoġġ fl-indirizzar tal-isfidi fir-rigward tat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' riformi strutturali ***favorevoli għat-tkabbir***. Dawn l-isfidi jistgħu jkunu dipendenti fuq diversi fatturi, fosthom ***it-tfassil inadegwat tar-riformi,*** il-kapaċità amministrattiva u istituzzjonali limitata jew l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni inadegwati tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| (6) L-Unjoni għandha esperjenza twila ***fuq l-għoti*** ta' appoġġ speċifiku lil amministrazzjonijiet nazzjonali u awtoritajiet oħrajn tal-Istati Membri fir-rigward tal-bini tal-kapaċità u azzjonijiet simili f'ċerti setturi (pereżempju t-tassazzjoni, id-dwana, l-appoġġ għal impriżi żgħar u medji) u fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni. L-esperjenza ***miksuba mill-Unjoni hi u tassisti lill-awtoritajiet nazzjonali biex iwettqu r-riformi għandha tintuża sabiex tittejjeb il-kapaċità*** tal-Unjoni ***biex tipprovdi għajnuna lill-Istati Membri.*** Azzjoni komprensiva u integrata ***hija tabilħaqq meħtieġa*** sabiex jingħata appoġġ lil dawk l-Istati Membri li qed iwettqu riformi li jsaħħu t-tkabbir u tintalab għajnuna mill-Unjoni f'dan ir-rigward. | (6) L-Unjoni għandha esperjenza twila ***fl-għoti*** ta' appoġġ speċifiku lil amministrazzjonijiet nazzjonali u awtoritajiet oħrajn tal-Istati Membri fir-rigward tal-bini tal-kapaċità u azzjonijiet simili f'ċerti setturi (pereżempju t-tassazzjoni, id-dwana, l-appoġġ għal impriżi żgħar u medji) u fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-politika ta' koeżjoni. L-esperjenza ***ta' politika u l-kapaċità tal-istituzzjonijiet*** tal-Unjoni ***għandhom iservu ta' bażi biex jipprovdu*** azzjoni komprensiva u integrata sabiex jingħata appoġġ lil dawk l-Istati Membri li qed iwettqu riformi li jsaħħu t-tkabbir u tintalab għajnuna mill-Unjoni f'dan ir-rigward. ***Għaldaqstant, għandu jiġi adottat approċċ integrat u transsettorjali sabiex tiġi żgurata l-koerenza tax-xenarju tal-politika.*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
| --- | --- |
| | ***(6a) Ir-Rapport Speċjali (Nru 19/2015) tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri bl-isem "Jeħtieġ li tingħata aktar attenzjoni għar-riżultati biex jitjieb it-twassil tal-assistenza teknika lill-Greċja" jinkludi rakkomandazzjonijiet utli rigward l-għoti ta' assistenza teknika mill-Kummissjoni lill-Istati Membri li għandhom jiġu kkunsidrati fl-implimentazzjoni tal-appoġġ taħt il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali.*** |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(6b) L-isforzi għal riformi strutturali biex jiżdied it-tkabbir għandhom jitkomplew b'determinazzjoni sabiex tiġi żgurata l-effettività ta' dawn ir-riformi u biex nibnu fuq il-progress li jkun sar.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (7) F'dan l-isfond, jeħtieġ li jiġi stabbilit Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali ("il-Programm") bil-għan li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Istati Membri biex ***iħejju*** u jimplimentaw riformi amministrattivi u strutturali li jtejbu t-tkabbir, anke permezz ta' assistenza għall-użu effiċjenti u effettiv ta' fondi tal-Unjoni. Il-programm ***huwa maħsub*** biex jikkontribwixxi għall-kisba ta' għanijiet komuni biex ***jinkiseb*** l-irkupru ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi, tissaħħaħ il-kompetittività tal-Ewropa u jitħeġġeġ l-investiment fl-ekonomija reali. | (7) F'dan l-isfond, jeħtieġ li jiġi stabbilit Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali ("il-Programm") bil-għan li tissaħħaħ il-kapaċità tal-Istati Membri biex ***ifasslu*** u jimplimentaw riformi amministrattivi u strutturali li jtejbu t-tkabbir, anke permezz ta' assistenza għall-użu effiċjenti u effettiv ta' fondi tal-Unjoni. Il-programm ***jikkostitwixxi appoġġ addizzjonali sinifikanti għal implimentazzjoni aħjar u aktar rapida tar-riformi maħsuba*** biex jikkontribwixxi għall-kisba ta' għanijiet komuni biex ***jinkisbu l-konverġenza,*** l-irkupru ekonomiku, il-ħolqien tal-impjiegi, tissaħħaħ il-kompetittività***, il-koeżjoni u l-produttività*** tal-Ewropa u jitħeġġeġ l-investiment fl-ekonomija reali. |

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) L-appoġġ taħt il-Programm għandu jiġi pprovdut mill-Kummissjoni fuq talba | (8) L-appoġġ taħt il-Programm għandu jiġi pprovdut mill-Kummissjoni fuq talba |

| | |
|---|---|
| minn Stat Membru, f'oqsma bħall-baġit u t-tassazzjoni, il-funzjoni pubblika, ir-riformi istituzzjonali u amministrattivi, is-sistema tal-ġustizzja, il-ġlieda kontra l-frodi, l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus, l-ambjent tan-negozju, l-iżvilupp tas-settur privat, l-investiment, il-kompetizzjoni, l-akkwist pubbliku, ***il-proċessi ta' privatizzazzjoni***, l-aċċess għall-finanzi, l-investiment, il-kummerċ, l-iżvilupp sostenibbli, l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ, il-politiki dwar ix-xogħol, is-saħħa pubblika, l-asil, il-migrazzjoni, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali u dwar il-politiki tas-settur finanzjarju. | minn Stat Membru, f'oqsma bħall-baġit u t-tassazzjoni, il-funzjoni pubblika, ir-riformi istituzzjonali u amministrattivi, is-sistema tal-ġustizzja, il-ġlieda kontra l-frodi, l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus, l-ambjent tan-negozju, l-iżvilupp tas-settur privat, l-investiment, il-kompetizzjoni, l-akkwist pubbliku, ***il-parteċipazzjoni pubblika fl-intrapriżi***, l-aċċess għall-finanzi, l-investiment, il-kummerċ, l-iżvilupp sostenibbli, l-innovazzjoni, l-edukazzjoni u t-taħriġ, il-politiki dwar ix-xogħol, is-saħħa pubblika, l-asil, il-migrazzjoni, l-agrikoltura u l-iżvilupp rurali u dwar il-politiki tas-settur finanzjarju. |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jitolbu appoġġ mill-Kummissjoni taħt il-Programm fir-rigward tal-implimentazzjoni tar-riformi fil-kuntest tal-proċessi ta' governanza ekonomika, b'mod ***partikulari*** tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, għal azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' programmi ta' aġġustament ekonomiku. Huma għandhom ukoll ikunu kapaċi jitolbu appoġġ fir-rigward ta' riformi fuq l-inizjattiva tagħhom stess, sabiex jinkiseb l-investiment sostenibbli, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi. | (9) L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jitolbu appoġġ mill-Kummissjoni taħt il-Programm fir-rigward ***tat-tfassil u*** tal-implimentazzjoni tar-riformi fil-kuntest tal-proċessi ta' governanza ekonomika, b'mod ***partikolari biex itejbu l-implimentazzjoni*** tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, għal azzjonijiet relatati mal-implimentazzjoni ***xierqa*** tad-dritt tal-Unjoni, kif ukoll fir-rigward tal-implimentazzjoni ta' programmi ta' aġġustament ekonomiku. Huma għandhom ukoll ikunu kapaċi jitolbu appoġġ fir-rigward ta' riformi fuq l-inizjattiva tagħhom stess, sabiex jinkiseb l-investiment sostenibbli, ***jissaħħaħ*** it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi***, il-kompetittività, u l-koeżjoni territorjali***. |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Wara djalogu mal-Istat Membru rikjedenti, inkluż fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għandha tanalizza t-talba, filwaqt li tqis il-prinċipji ta' trasparenza, ta' trattament ugwali u ta' ġestjoni finanzjarja tajba u tiddetermina l-appoġġ li għandu jingħata abbażi tal-urġenza, tal-firxa u tas-serjetà tal-problemi identifikati, il-ħtiġijiet ta' appoġġ fir-rigward tal-oqsma ta' politika maħsuba, l-analiżi tal-indikaturi soċjoekonomiċi, u l-kapaċità amministrattiva ġenerali tal-Istat Membru. Barra minn hekk, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istat Membru kkonċernat, għandha tidentifika ***l-oqsma*** ta' prijorità, l-ambitu tal-miżuri ta' appoġġ li għandhom jiġu pprovduti u l-kontribuzzjoni finanzjarja globali għal dan l-appoġġ, filwaqt li jitqiesu l-azzjonijiet u l-miuri eżistenti ffinanzjati mill-fondi tal-Unjoni jew programmi oħrajn tal-Unjoni. | (10) Wara djalogu mal-Istat Membru rikjedenti, inkluż fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għandha tanalizza t-talba, filwaqt li tqis il-prinċipji ta' trasparenza, ***ta' sussidjarjetà,*** ta' trattament ugwali u ta' ġestjoni finanzjarja tajba u tiddetermina l-appoġġ li għandu jingħata abbażi tal-urġenza, tal-firxa u tas-serjetà tal-problemi identifikati, il-ħtiġijiet ta' appoġġ fir-rigward tal-oqsma ta' politika maħsuba, l-analiżi tal-indikaturi soċjoekonomiċi, u l-kapaċità amministrattiva ġenerali tal-Istat Membru. Barra minn hekk, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istat Membru kkonċernat, għandha tidentifika ***l-azzjonijiet*** ta' prijorità ***għal appoġġ effettiv, it-tip u*** l-ambitu tal-miżuri ta' appoġġ li għandhom jiġu pprovduti u l-kontribuzzjoni finanzjarja globali għal dan l-appoġġ, filwaqt li jitqiesu l-azzjonijiet u l-miuri eżistenti ffinanzjati mill-fondi tal-Unjoni jew programmi oħrajn tal-Unjoni. |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(10a) Il-Kummissjoni għandha tkun tista', bil-kunsens tal-Istat Membru li jixtieq jirċievi appoġġ, li torganizza l-għoti ta' appoġġ f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali jew Stati Membri oħra li jistgħu jaqblu li jaġixxu bħala sħab għar-riforma. L-Istat Membru li jixtieq jirċievi appoġġ għandu jkun jista', għal qasam jew oqsma*** |

***speċifiċi ta' appoġġ, jidħol fi sħubija ma' Stat Membru wieħed jew aktar bħala sħab għar-riforma biex jgħin fit-tfassil ta' strateġija, jirriforma pjanijiet direzzjonali, ifassal assistenza jew jissorvelja l-implimentazzjoni tal-istrateġija u l-proġetti. Filwaqt li r-responsabbiltà għat-twassil tar-riformi hija tal-Istat Membru li jixtieq jirċievi appoġġ, is-sħab għar-riforma jew Stati Membri oħra li jipprovdu appoġġ jistgħu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-Programm.***

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni "Ir-Reviżjoni Baġitarja tal-UE"[1] u "Baġit għall-Ewropa 2020"[2] wkoll jenfasizzaw l-importanza li l-finanzjament jiġi ffokat fuq attivitajiet b'valur miżjud Ewropew ċar, jiġifieri fejn l-intervenzjoni tal-Unjoni tista' ġġib valur addizzjonali meta mqabbel ma' azzjoni tal-Istati Membri waħdehom. F'dan l-isfond, l-azzjonijiet ta' appoġġ imwettqa taħt dan il-Programm għandhom jiżguraw il-komplementarjetà u s-sinerġija ma' programmi u politiki oħrajn fil-livell nazzjonali, internazzjonali u tal-Unjoni. L-azzjonijiet taħt dan il-Programm għandhom jippermettu l-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet li jindirizzaw sfidi nazzjonali li jkollhom impatt fuq sfidi transfruntiera jew għall-Unjoni kollha u jiksbu implimentazzjoni konsistenti u koerenti tad-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, dawn għandhom jikkontribwixxu billi jkomplu jiżviluppaw il-fiduċja u jippromwovu l-kooperazzjoni mal-Kummissjoni u fost l-Istati Membri. | (11) Il-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni "Ir-Reviżjoni Baġitarja tal-UE"[1] u "Baġit għall-Ewropa 2020"[2] wkoll jenfasizzaw l-importanza li l-finanzjament jiġi ffokat fuq attivitajiet b'valur miżjud Ewropew ċar, jiġifieri fejn l-intervenzjoni tal-Unjoni tista' ġġib valur addizzjonali meta mqabbel ma' azzjoni tal-Istati Membri waħdehom. F'dan l-isfond, l-azzjonijiet ta' appoġġ imwettqa taħt dan il-Programm għandhom jiżguraw il-komplementarjetà u s-sinerġija ma' programmi u politiki oħrajn fil-livell nazzjonali, internazzjonali u tal-Unjoni. L-azzjonijiet taħt dan il-Programm għandhom jippermettu l-elaborazzjoni u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet li jindirizzaw sfidi nazzjonali li jkollhom impatt fuq sfidi transfruntiera jew għall-Unjoni kollha u jiksbu implimentazzjoni konsistenti u koerenti tad-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, dawn għandhom jikkontribwixxu billi jkomplu jiżviluppaw il-fiduċja ***taċ-ċittadini fil-proġett Ewropew*** u jippromwovu l-kooperazzjoni mal- |

| | |
|---|---|
| Barra minn hekk, l-Unjoni tinsab f'pożizzjoni aħjar mill-Istati Membri biex tipprovdi pjattaforma għall-forniment u l-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin mill-pari kif ukoll biex tiġi mobilizzata l-kompetenza. | Kummissjoni u fost l-Istati Membri. Barra minn hekk, l-Unjoni tinsab f'pożizzjoni aħjar mill-Istati Membri biex tipprovdi pjattaforma għall-forniment u l-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin mill-pari kif ukoll biex tiġi mobilizzata l-kompetenza***, sabiex il-proposti jkunu jistgħu jiġu mfassla apposta għas-sitwazzjoni speċifika fl-Istati Membri rikjedenti***. |
| [1]COM(2010)700 tad-19 ta' Ottubru 2010.<br>[2]COM(2011)500 finali tad-29 ta' Ġunju 2011. | [1]COM(2010)700 tad-19 ta' Ottubru 2010.<br>[2]COM(2011)500 finali tad-29 ta' Ġunju 2011. |

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) Billi l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jikkontribwixxi għal riformi istituzzjonali, amministrattivi u strutturali fl-Istati Membri billi jipprovdi appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali għal miżuri li għandhom l-għan li jirriformaw l-istituzzjonijiet, il-governanza, l-amministrazzjoni, is-setturi ekonomiċi u soċjali, anke permezz ta' assistenza għall-użu effiċjenti u effettiv tal-fondi tal-Unjoni, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom, iżda minflok, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb dak l-objettiv, billi l-kamp ta' applikazzjon ta' dak l-appoġġ ikun maqbul b'mod reċiproku mal-Istat Membru | (23) Billi l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jikkontribwixxi għal riformi istituzzjonali, amministrattivi u strutturali fl-Istati Membri billi jipprovdi appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali għal miżuri li għandhom l-għan li jirriformaw l-istituzzjonijiet, il-governanza ***territorjali fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali***, l-amministrazzjoni, is-setturi ekonomiċi u soċjali, anke permezz ta' assistenza għall-użu effiċjenti u effettiv tal-fondi tal-Unjoni, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri waħedhom, iżda minflok, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jista' jintlaħaq aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb dak l-objettiv, billi l-kamp ta' applikazzjon ta' dak l-appoġġ ikun maqbul |

| | |
|---|---|
| kkonċernat. | b'mod reċiproku mal-Istat Membru kkonċernat. |

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Definizzjonijiet | Definizzjonijiet ***u prinċipji*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, dawn id-definizzjonijiet japplikaw: | Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, dawn id-definizzjonijiet ***u l-prinċipji*** japplikaw: |

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. "Stat Membru benefiċjarju" tfisser Stat Membru li jirċievi appoġġ mill-Unjoni taħt dan il-Programm; | 1. "Stat Membru benefiċjarju" tfisser Stat Membru li ***jitlob u*** jirċievi appoġġ mill-Unjoni taħt dan il-Programm; |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet li jindirizzaw sfidi nazzjonali li ***jkollhom impatt fuq*** sfidi transfruntiera jew għall-Unjoni kollha; | (a) l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet li jindirizzaw sfidi nazzjonali li ***jkunu tqajmu minn*** sfidi transfruntiera jew għall-Unjoni kollha***, u li jikkontribwixxu għall-koeżjoni soċjali u*** |

| | |
|---|---|
| | ***ekonomika***; |

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-kontribuzzjoni tagħhom għall-implimentazzjoni konsistenti u koerenti tad-dritt tal-Unjoni; | (c) il-kontribuzzjoni tagħhom għall-implimentazzjoni konsistenti u koerenti tad-dritt ***u l-politiki*** tal-Unjoni; |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-objettiv ġenerali tal-Programm huwa li jikkontribwixxi għar-riformi istituzzjonali, amministrattivi u ***strutturali*** fl-Istati Membri billi jipprovdi appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali għal miżuri mmirati biex jirriformaw l-istituzzjonijiet, il-governanza, l-amministrazzjoni***, is-setturi ekonomiċi u tas-soċjetà*** b'reazzjoni għall-isfidi ekonomiċi u soċjali bil-ħsieb li jtejbu l-kompetittività, it-tkabbir, ***l-impjiegi*** u l-investiment, ***b'mod partikolari fil-kuntest tal-proċessi ta' governanza ekonomika,*** fosthom permezz ta' assistenza għall-użu effiċjenti u effettiv tal-fondi tal-Unjoni. | L-objettiv ġenerali tal-Programm huwa li jikkontribwixxi għar-riformi ***strutturali,*** istituzzjonali, amministrattivi u ***favorevoli għat-tkabbir*** fl-Istati Membri billi jipprovdi appoġġ lill-awtoritajiet nazzjonali ***u, fejn applikabbli, l-awtoritajiet reġjonali u lokali*** għal miżuri mmirati biex jirriformaw ***u jsaħħu jew jistabbilixxu*** l-istituzzjonijiet, il-governanza, l-amministrazzjoni b'reazzjoni għall-isfidi ekonomiċi u soċjali bil-ħsieb li jtejbu l-kompetittività, ***il-koeżjoni, il-produttività,*** it-tkabbir ***sostenibbli***, ***il-ħolqien tal-impjiegi ta' kwalità*** u l-investiment, fosthom permezz ta' assistenza għall-użu effiċjenti u effettiv tal-fondi tal-Unjoni. |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 1. Sabiex jinkiseb l-għan ġenerali imsemmi fl-Artikolu 4, il-Programm għandu jkollu dawn l-objettivi speċifiċi: | 1. Sabiex jinkiseb l-għan ġenerali imsemmi fl-Artikolu 4, il-Programm għandu jkollu dawn l-objettivi speċifiċi ***li għandhom jiġu segwiti f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri benefiċjarji***: |

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (a) jassisti l-inizjattivi tal-awtoritajiet nazzjonali biex ifasslu ***r-riformi*** tagħhom skont il-prijoritajiet, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet inizjali u l-impatti soċjoekonomiċi mistennija; | (a) jassisti l-inizjattivi tal-awtoritajiet nazzjonali biex ifasslu ***u jimplimentaw ir-riformi sostenibbli*** tagħhom skont il-prijoritajiet ***u l-prinċipji ta' sussidjarjetà***, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet inizjali u l-impatti soċjoekonomiċi mistennija; |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (b) jappoġġja lill-awtoritajiet nazzjonali biex tittejjeb il-kapaċità tagħhom li jfasslu, jiżviluppaw u jimplimentaw politiki u strateġiji ta' riforma u jsegwu approċċ integrat li jiżgura l-konsistenza bejn l-għanijiet u l-mezzi fis-setturi kollha; | (b) jappoġġja lill-awtoritajiet nazzjonali biex tittejjeb il-kapaċità tagħhom li ***jippjanaw u*** jfasslu, jiżviluppaw u jimplimentaw politiki u strateġiji ta' riforma u jsegwu approċċ integrat li jiżgura l-konsistenza bejn l-għanijiet u l-mezzi fis-setturi kollha; |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (c) jappoġġja l-isforzi tal-awtoritajiet | (c) jappoġġja l-isforzi tal-awtoritajiet |

| | |
|---|---|
| nazzjonali biex ***jiddefinixxi*** u ***jimplimenta*** proċessi u metodoloġiji xierqa billi jqis prattiki tajbin u tagħlimiet meħuda minn pajjiżi oħrajn biex jindirizzaw sitwazzjonijiet simili; | nazzjonali biex ***ifasslu*** u ***jimplimentaw*** proċessi u metodoloġiji xierqa billi jqis prattiki tajbin u tagħlimiet meħuda minn pajjiżi oħrajn biex jindirizzaw sitwazzjonijiet simili; |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) jassisti lill-awtoritajiet nazzjonali biex itejbu l-effiċjenza u l-effettività tal-ġestjoni tar-riżorsi umani, fejn xieraq, permezz tad-definizzjoni ta' responsabbiltajiet ċari u żieda ta' għarfien u ħiliet professjonali. | (d) jassisti lill-awtoritajiet nazzjonali biex itejbu l-effiċjenza u l-effettività ***tad-djalogu soċjali,*** tal-ġestjoni tar-riżorsi umani, fejn xieraq, permezz tad-definizzjoni ta' responsabbiltajiet ċari u żieda ta' għarfien u ħiliet professjonali. |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Dawn l-objettivi għandhom jitwettqu f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri Benefiċjarji*** | ***imħassar*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-paragrafu 1 jirreferu għal oqsma ta' politika relatati mal-kompetittività, mat-tkabbir, mal-impjiegi u mal-investiment, b'mod | 2. L-objettivi speċifiċi stabbiliti fil-paragrafu 1 jirreferu għal oqsma ta' politika relatati ***mal-koeżjoni,*** mal-kompetittività, ***mal-innovazzjoni,*** mat-tkabbir ***sostenibbli***, mal-impjiegi u mal-investiment, b'mod |

| | |
|---|---|
| partikolari ma' dawn li ġejjin: | partikolari ma' dawn li ġejjin: |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ir-riforma istituzzjonali u l-funzjonament effiċjenti u orjentat lejn is-servizzi tal-amministrazzjoni pubblika, l-istat tad-dritt effettiv, ir-riforma tas-sistema ġudizzjarja u l-infurzar tal-ġlieda kontra l-frodi, kontra l-korruzzjoni u kontra l-ħasil tal-flus; | (b) ir-riforma istituzzjonali u l-funzjonament effiċjenti u orjentat lejn is-servizzi tal-amministrazzjoni pubblika, l-istat tad-dritt effettiv, ***inkluża l-applikazzjoni korretta tad-dritt u tal-politiki tal-Unjoni,*** ir-riforma tas-sistema ġudizzjarja u l-infurzar tal-ġlieda kontra l-frodi, kontra l-korruzzjoni u kontra l-ħasil tal-flus; |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) l-ambjent tan-negozju, l-iżvilupp tas-settur privat, ***il-proċessi ta' privatizzazzjoni***, il-kummerċ u l-investiment barrani dirett, il-kompetizzjoni u l-akkwist pubbliku, iż-żvilupp settorjali sostenibbli u l-appoġġ għall-innovazzjoni; | (c) l-ambjent tan-negozju, l-iżvilupp tas-settur privat, ***l-investiment, il-parteċipazzjoni pubblika fl-intrapriżi***, il-kummerċ u l-investiment barrani dirett, il-kompetizzjoni u l-akkwist pubbliku, iż-żvilupp settorjali sostenibbli u l-appoġġ għall-innovazzjoni; |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) il-politiki għas-settur agrikolu u l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni rurali; | (e) il-politiki ***għall-implimentazzjoni tal-azzjoni klimatika, għall-promozzjoni tal-effiċjenza enerġetika, għall-kisba tad-*** |

| | |
|---|---|
| | ***diversifikazzjoni enerġetika u għat-tmiem tal-iżolazzjoni enerġetika tal-Istati Membri u tar-reġjuni, kif ukoll*** għas-settur agrikolu u l-iżvilupp sostenibbli taż-żoni rurali; |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) il-politiki tas-settur finanzjarju ***u*** l-aċċess għall-finanzjament. | (f) il-politiki tas-settur finanzjarju***, inkluż il-promozzjoni tal-litteriżmu finanzjarju, tal-istabbiltà finanzjarja,*** l-aċċess għall-finanzjament ***u s-self lill-ekonomija reali; il-produzzjoni, il-forniment u l-monitoraġġ tal-kwalità tad-data u l-istatistika; u l-politiki bil-għan li jiġġieldu l-evażjoni tat-taxxa***. |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Stat Membru li jixtieq jirċievi appoġġ taħt il-Programm għandu jressaq talba għal appoġġ lill-Kummissjoni, fejn jidentifika l-oqsma ta' politika u l-prijoritajiet għal appoġġ fl-ambitu tal-Programm kif stabbilit fl-Artikolu 5(2). Din it-talba għandha titressaq sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru ta' kull sena kalendarja. | 1. Stat Membru li jixtieq jirċievi appoġġ ***tekniku*** taħt il-Programm għandu jressaq talba għal appoġġ ***tekniku*** lill-Kummissjoni, fejn jidentifika l-oqsma ta' politika u l-prijoritajiet għal appoġġ fl-ambitu tal-Programm kif stabbilit fl-Artikolu 5(2). Din it-talba għandha titressaq sa mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru ta' kull sena kalendarja. |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2. Filwaqt li tqis il-prinċipji ta' trasparenza, tat-trattament ugwali u tal-ġestjoni finanzjarja tajba, b'segwitu għal djalogu mal-Istat Membru, anke fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għandha tanalizza t-talba għal appoġġ imsemmija fil-paragrafu 1, abbażi tal-urġenza, tal-firxa u tas-serjetà tal-problemi identifikati, il-ħtiġijiet ta' appoġġ fir-rigward tal-oqsma ta' politika kkonċernati, l-analiżi ta' indikaturi soċjoekonomiċi u l-kapaċità amministrattiva ġenerali tal-Istat Membru. B'kunsiderazzjoni għall-azzjonijiet eżistenti u l-miżuri ffinanzjati mill-fondi tal-Unjoni jew programmi oħrajn tal-Unjoni, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istat Membru kkonċernat, għandha tidentifika ***l-oqsma*** ta' prijorità għall-appoġġ, l-ambitu tal-miżuri tal-appoġġ li għandhom jiġu pprovduti u l-kontribuzzjoni finanzjarja globali għal dan l-appoġġ. | 2. Filwaqt li tqis il-prinċipji ta' trasparenza, tat-trattament ugwali***, tas-sussidjarjetà, tar-rispett għas-sħab soċjali*** u tal-ġestjoni finanzjarja tajba, b'segwitu għal djalogu mal-Istat Membru, anke fil-kuntest tas-Semestru Ewropew, il-Kummissjoni għandha tanalizza t-talba għal appoġġ imsemmija fil-paragrafu 1, abbażi tal-urġenza, tal-firxa u tas-serjetà tal-problemi identifikati, il-ħtiġijiet ta' appoġġ fir-rigward tal-oqsma ta' politika kkonċernati, l-analiżi ta' indikaturi soċjoekonomiċi u l-kapaċità amministrattiva ġenerali tal-Istat Membru. B'kunsiderazzjoni għall-azzjonijiet eżistenti u l-miżuri ffinanzjati mill-fondi tal-Unjoni jew programmi oħrajn tal-Unjoni, ***b'mod partikolari l-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (FSIE) u l-FEIS,*** il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istat Membru kkonċernat, għandha tidentifika ***l-azzjonijiet*** ta' prijorità għall-appoġġ ***effettiv***, ***l-objettivi partikolari għal dak l-Istat Membru abbażi tal-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament, l-iskeda ta' żmien,*** l-ambitu tal-miżuri tal-appoġġ li għandhom jiġu pprovduti u l-kontribuzzjoni finanzjarja globali ***stmata*** għal dan l-appoġġ. |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 7 – paragrafu 3**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 3. It-talba għal appoġġ tista' tiġi ppreżentata fir-rigward ta': | 3. It-talba għal appoġġ tista' tiġi ppreżentata fir-rigward ta': |
| (a) l-implimentazzjoni ta' riformi ***fil-kuntest tal-proċessi ta' governanza ekonomika, b'mod partikolari r-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-*** | (a) l-implimentazzjoni ta' riformi ***sostenibbli mill-Istati Membri, li jsiru fuq inizjattiva tagħhom stess, b'mod partikolari biex jinkisbu t-tkabbir*** |

| | |
|---|---|
| ***Pajjiż rilevanti maħruġin fil-kuntest tas-Semestru Ewropew jew ta' azzjonijiet rilevanti relatati mal-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni;*** | ***ekonomiku u l-ħolqien tal-impjiegi.*** |
| (b) l-implimentazzjoni ta' programmi ta' aġġustament ekonomiku għall-Istati Membri li jirċievu assistenza finanzjarja mill-Unjoni taħt strumenti eżistenti, b'mod partikolari skont ir- Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23] għall-Istati Membri taż-żona tal-euro u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002[24] għall-Istati Membri mhux fiż-żona tal-euro; | (b) l-implimentazzjoni ta' programmi ta' aġġustament ekonomiku għall-Istati Membri li jirċievu assistenza finanzjarja mill-Unjoni taħt strumenti eżistenti, b'mod partikolari skont ir- Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[23] għall-Istati Membri taż-żona tal-euro u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002[24] għall-Istati Membri mhux fiż-żona tal-euro; |
| (c) l-implimentazzjoni ***tar-riformi mill-Istati Membri, li jsiru fuq inizjattiva tagħhom stess, b'mod partikolari biex jinkiseb l-investiment sostenibbli, it-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi.*** | (c) l-implimentazzjoni ***ta' riformi sostenibbli fil-kuntest tal-proċessi ta' governanza ekonomika, b'mod partikolari tar-Rakkomandazzjonijiet Speċifiċi għall-Pajjiż rilevanti maħruġa fil-kuntest tas-Semestru Ewropew jew l-azzjonijiet rilevanti relatati mal-implimentazzjoni tad-dritt tal-Unjoni;*** |
| [23] Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1). | [23] Ir-Regolament (UE) Nru 472/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza ekonomika u baġitarja tal-Istati Membri fiż-żona tal-euro li jesperjenzaw jew ikunu mhedda b'diffikultajiet gravi fir-rigward tal-istabbiltà finanzjarja tagħhom (ĠU L 140, 27.5.2013, p. 1). |
| [24] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri (ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1). | [24] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 332/2002 tat-18 ta' Frar 2002 li jistabbilixxi faċilità li tipprovdi għajnuna finanzjarja għal żmien medju għall-bilanċi ta' pagament tal-Istati Membri (ĠU L 53, 23.2.2002, p. 1). |

*(Il-punti (a) u (c) fit-test tal-Kummissjoni saru l-punti (c) u (a) rispettivament fl-emenda tal-Parlament. U t-tnejn li huma qed jiġu emendati.)*

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – titolu**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Organizzazzjoni tal-appoġġ | Organizzazzjoni tal-appoġġ ***tekniku*** |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 1. Il-Kummissjoni tista' tiddefinixxi l-appoġġ previst għall-Istati Membri Benefiċjarji f'koperazzjoni ma' Stati Membri oħrajn jew organizzazzjonijiet internazzjonali. | 1. Il-Kummissjoni tista' tiddefinixxi l-appoġġ ***tekniku*** previst għall-Istati Membri Benefiċjarji f'koperazzjoni ma' Stati Membri oħrajn jew organizzazzjonijiet internazzjonali. |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2. L-Istat Membru Benefiċjarju, ***f'koordinazzjoni*** mal-Kummissjoni, jista' jidħol fi sħubija ma' Stat Membru wieħed ieħor jew iktar li għandhom jaġixxu bħala Sħab għar-Riforma fir-rigward ta' oqsma speċifiċi tar-riforma. Sieħeb għar-Riforma, ***f'koordinazzjoni*** mal-Kummissjoni, għandu jgħin fit-tfassil ta' strateġija, jirriforma pjanijiet direzzjonali, ifassal assistenza ta' kwalità għolja jew jissorvelja l-implimentazzjoni tal-istrateġija u tal-proġetti. | 2. L-Istat Membru Benefiċjarju, ***f'kooperazzjoni*** mal-Kummissjoni, jista' jidħol fi sħubija ma' Stat Membru wieħed ieħor jew iktar li għandhom jaġixxu bħala Sħab għar-Riforma fir-rigward ta' oqsma speċifiċi tar-riforma. Sieħeb għar-Riforma, ***f'kooperazzjoni*** mal-Kummissjoni, għandu jgħin fit-tfassil ta' strateġija, jirriforma pjanijiet direzzjonali, ifassal assistenza ta' kwalità għolja jew jissorvelja l-implimentazzjoni tal-istrateġija u tal-proġetti. |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 1. Minbarra l-pakkett finanzjarju | 1. Minbarra l-pakkett finanzjarju |

| | |
|---|---|
| stabbilit fl-Artikolu 9, il-programm jista' jkun iffinanzjat permezz ta' kontribuzzjonijiet addizzjonali mill-Istati Membri. | stabbilit fl-Artikolu 9, il-programm jista' jkun iffinanzjat permezz ta' kontribuzzjonijiet addizzjonali ***fuq bażi volontarja*** mill-Istati Membri. |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha ***tipprovdi*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ***b'rapport ta' evalwazzjoni interim, mhux aktar tard minn nofs l-2019,*** u rapport ta' valutazzjoni ex post sal-aħħar ta' Diċembru 2021. | 2. Il-Kummissjoni***, fuq bażi annwali,*** għandha ***tirrapporta*** lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill ***dwar l-implimentazzjoni tal-programm*** u ***għandha tipprovdi*** rapport ta' valutazzjoni ex post sal-aħħar ta' Diċembru 2021. ***Ir-rapport annwali għandu jinkludi informazzjoni dwar il-kisba tal-objettivi tal-Programm, ġustifikazzjoni dwar kwalunkwe deċiżjoni biex jingħata jew jiċċaħħad appoġġ lill-Istati Membri, l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi, il-valur miżjud tal-Programm Ewropew u valutazzjoni dwar jekk il-finanzjament f'oqsma koperti mill-Programm jeħtieġx jiġi adattat jew estiż wara l-2020. Huwa għandu jindirizza wkoll ir-rilevanza kontinwa tal-objettivi u l-azzjonijiet kollha. Ir-rapport tal-evalwazzjoni ex post għandu jinkludi informazzjoni dwar l-impatti fit-tul tal-Programm.*** |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Ir-rapport ta' evalwazzjoni interim jinkludi informazzjoni dwar il-kisba tal-objettivi tal-Programm, l-effiċjenza tal-użu tar-riżorsi u l-valur miżjud Ewropew*** | ***imħassar*** |

***tal-Programm u l-valutazzjoni dwar jekk il-finanzjament fl-oqsma koperti mill-Programm jeħtiġux jiġu adattati jew estiżi wara l-2020. Huwa għandu jindirizza wkoll ir-rilevanza kontinwa tal-objettivi u l-azzjonijiet kollha. Ir-rapport tal-evalwazzjoni ex post għandu jinkludi informazzjoni dwar l-impatti fit-tul tal-Programm.***

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Anness I – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ia) l-għadd ta' objettivi tal-pjan ta' appoġġ li ġew milħuqa mill-Istat Membru benefiċjarju*** |

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | L-istabbiliment ta' Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali għall-perjodu mill-2017 sal-2020 |
| **Referenzi** | COM(2015)0701 – C8-0373/2015 – 2015/0263(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | REGI<br>2.12.2015 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | ECON<br>2.12.2015 |
| **Kumitat(i) assoċjat(i) - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja** | 12.5.2016 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Costas Mavrides<br>12.5.2016 |
| **Eżami fil-kumitat** | 13.7.2016 10.10.2016 |
| **Data tal-adozzjoni** | 10.11.2016 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 40<br>–: 8<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Pervenche Berès, Udo Bullmann, Fabio De Masi, Anneliese Dodds, Markus Ferber, Sven Giegold, Neena Gill, Roberto Gualtieri, Danuta Maria Hübner, Barbara Kappel, Alain Lamassoure, Sander Loones, Bernd Lucke, Olle Ludvigsson, Ivana Maletić, Costas Mavrides, Bernard Monot, Luděk Niedermayer, Stanisław Ożóg, Dimitrios Papadimoulis, Pirkko Ruohonen-Lerner, Alfred Sant, Molly Scott Cato, Pedro Silva Pereira, Peter Simon, Renato Soru, Theodor Dumitru Stolojan, Paul Tang, Michael Theurer, Ernest Urtasun, Marco Valli, Tom Vandenkendelaere, Cora van Nieuwenhuizen, Jakob von Weizsäcker, Pablo Zalba Bidegain, Marco Zanni |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Ashley Fox, Doru-Claudian Frunzulică, Ildikó Gáll-Pelcz, Sophia in 't Veld, Ramón Jáuregui Atondo, Verónica Lope Fontagné, Eva Paunova, Romana Tomc |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Andrea Bocskor, Franc Bogovič, Hans-Olaf Henkel, Sandra Kalniete, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz |